TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DEĊIŻJONI NUMRU 2324

Chairperson: Dr. Charmaine Cristiano Grech

Każ Numru: 3143/CCG

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

Bejn

Joseph Baldacchino

U

F.S. Engineering and Plastics Limited

Dwar: tkeccija mill-impjieg li hija ingusta

Illum 6 ta' Novembru 2014

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors dwar tkeccija ingusta. Ai termini tal-Artikolu 78(1) ta' Kap. 452 ma kienx possibli li l-każ jinstema' u jinqata' kif inhu stipulat fl-Att.

**Preliminari:**

Fid-dikjarazzjoni tal-każ tiegħu r-rikorrenti jgħid illi kien impjegat fuq kuntratt indefinite fuq bażi *full-time* mal-kumpannija *Engineering and Plastics Ltd* bħala *Toolmaker/Handy Person/ Maintenance.*Il-kumpannija permezz ta' ittra datata 14 ta' Ġunju 2013 u iffirmata mis-Sur Frank Saliba, Direttur tal-Kumpannija, infurmatu li b'effett mill-istess data l-kumpannija kienet qiegħda titterminalu l-impjieg tiegħu fuq bażi ta' nuqqas ta' xogħol. L-esponenti ħass li t-temm tal-impjieg tiegħu ma sarx għal raġuni valida skont il-liġi peress illi erbgħa t'ijiem qabel id-data tal-ittra tat-temm tal-impjieg, is-Sur Joseph Baldacchino u s-Sur Frank Saliba kellhom argument sħun ħafna bejniethom, fejn anki kellmu ħażin lil xulxin. F'dawn iċ-ċirkostanzi ghalhekk huwa sabha bi tqila ħafna biex jemmen li l-impjieg tiegħu verament ġie mitmum minħabba nuqqas ta' xogħol u mhux minħabba l-argument sħun ta' bejniethom.

Is-socjeta` intimata preliminarjament eccepiet illi r-rikors intavolat mir-rikorrent huwa null stante li s-soċjeta' Engineering and Plastics Ltd ċitat f'dan il-każ ma teżistix u allura teċepixxi n-nullita tar-rikors u tal-proċeduri kollha u fil-fatt r-rikorrent kien impjegat ma' F.S. Enineering and Plastics Ltd. It-Tribunal

ghaldaqstant ordna bidla fl-isem tal-kumpannija. Is-socjeta` ddikjarat illi t-temm tal-impjieg tar-rikorrent minn F.S. Engineering and Plastics Ltd, u mhux minn  Engineering and Plastics Ltd, kien riżultat ta' redundancy u t-talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-prinċipal sempliċiment eżerċita d-dritt tiegħu li jagħmel il-pożizzjoni ta' *Toolmaker/Handy Person/ Maintenance 'redundant'*.

**Sintezi tax-Xhieda**

Frank Saliba, Direttur tal-Kumpannija qal li jimpjega madwar erbgħin (40) persuna. Lis-Sur Baldacchino kien mpjegah fl-inġinerija u tterminalu l-impjieg wara bejn wieħed u ieħor tliet snin għax naqaslu x-xogħol. Inizzjalment ir-rikorrenti kien ġie ngaġġat biex inċaqalqu *tool room*. L-inġinerija hija fejn jaħdmu fuq it-torn, milling u affarijiet hekk. Dawk kienu f'post u ried li jċaqlaqhom biex jagħmlu wisa għal aktar *injection machines* fl-istess *area*. Ried jagħmel ukoll *handling system* għall-materjal biex kif jgħaddi l-plastik, il-magni jieħdu l-plastik waħedhom. Kien qed jittama li jibda' jaħdem xi xogħol għal ditti oħra. Dan ix-xogħol l-ieħor qatt ma ġie u meta lestew il-biċċa xogħol taċ-ċaqliq li kellu jagħmel ġol-fabbrika, sfortunatament ma kellux bżonn iżjed. Ix-xhud qal li m'għandu lil ħadd jagħmel ix-xogħol li kien jagħmel is-Sur Baldacchino. Il-ħaddiema l-oħrajn *operators* mal-*injection machines*. Preżentament ix-xogħol li kien jagħmel is-Sur Baldacchino qed jagħmlu hu għax ma tantx għandu xogħol. Mhemmx kwantita ta' xogħol li hu ma jlaħħaqx magħha. It-tkeċċijiet li għamel fil-passat saru fuq dixxiplina per eżempju għax ma daħlux għax-xogħol u ma nfurmaw lil ħadd jew għax sabhom reqdin bil-lejl u affarijiet simili. In kontro eżami x-xhud qal li huwa veru li s-Sur Baldacchino kien jagħmel xogħol ta' *handyman*, *maintenance* u *tool maker* u li x-xogħol ta' *maintenance*  għad irid isir, allura qed jagħmlu hu bħala hobby. Minn mindu ġie tterminat is-Sur Baldacchino, daħlu mpjegati ġodda jaħdmu mal-kumpannija tiegħu imma mhux bħala *tool makers*, bħala *operators* li ikunu *technicians* fuq *injection machines* li jaraw il-kwalita' u jissetjaw. Dan xogħol differenti minn dak li kien jagħmel is-Sur Baldacchino.

Ir-rikorrent xehed li beda jaħdem mal-kumpannija F.S. Engineering & Plastics Ltd f'Novembru 2010 u li dam tliet snin u nofs jaħdem hemm. Ix-xhud qal li kien proprja mpjegat bħala *tool maker, handyman* u *maintenance* pero' kien jagħmel kollox. Ġieli anki kaħħal u bajjad u għamel xogħol fid-dawl. Bħala *toolmaker* kien jagħmel *repairs* u *moulds* ġodda u *heads* tal-magni u *nozzles* li jinkisru l-ħin kollu. Il-kumpanija tagħmel xogħol tal-plastik imma hu xogħolu kien fit-*tool room* jagħmel ir-*repairs* u affarijiet ġodda. Mhux veru li hu ġie impjegat mal-kumpannija biex iċaqlaq it-*tool room*. Xogħolu proprju fl-inġinerija, pero għamel ħafna xogħol ta' welding avolja ma kienx xogħolu. Kienu miftehmin li hu jagħmel affarijiet żgħar ta' welding meta filfatt għamel xogħol strutturali kbir li jiflaħ tunnellati ta' ħadid fuqu bil-welding. Iċ-ċaqliq tat-*tool room* kienet xi ħaġa veru qasira u ħadet madwar tlett ġimgħat, jew erbgħa. Ix-xhud qal li hu biss kien jagħmel dan it-tip ta' xogħol. Kien ikun għaddej *gas down* il-ħin kollu, bla waqfien u ma setax jifhem kif xi ħadd jagħmel ix-xogħol li kien jagħmel hu bħala delizzju għax ma kien jieqaf qatt u dejjem isibulu x'jagħmel. Ix-xhud qal li l-problemi bdew meta d-Direttur sar jaf li kien f'Union ir-relazzjoni tagħhom ma baqgħetx tajba. Kien kitiblu tal-Union biex jirrevedili l-kundizzjonijiet tax-xogħol u

l-pagi u minn dakinhar beda jħares lejh bl-ikrah u kemm –il darba offrielu biex jitlaq ukoll. Kien jgħidlu "*Itlaq. Tagħmlilna pjaċir*" u darba qallu "*u anki tan-notice inħallsuk*". Dakinhar li keċċieh ma ġara xejn; sempliċiment qallu "*naqasli x-xogħol"*. Dakinhar li keċċieh kien l-Ġimgħa u t-Tnejn ta' qabel kellhom xi jgħidu bil-kbir. Kellhom xi jgħidu għax ir-rikorrent kellu t-tifel l-isptar u qallu li ser *"joħroġ siegħa leave"* u d-Direttur qallu li mhux se jagħtih *leave* għax ma jimpurtahx mill-familja imma jimpurtah mix-xogħol. Qallu "*mhux talli m'għandekx leave talli trid toqogħdli overtime*". Ir-rikorrenti xehed li kellu biżżejjed *leave* u dakinhar siegħa *leave* kull ma talbu. Filfatt meta spiċċa mix-xogħol ħallsu tal-*leave* li kien baqagħlu żejjed. Dakinhar bdew joffendu 'l xulxin għax ir-rikorrenti qallu li *"ħa joħroġ bil-leave trid u ma tridx għax jien għandi t-tifel l-isptar u sejjer narah"*. Lanqas kien emmnu li kellu t-tifel l-isptar għax saqsieh x'jismu. It-tifel kien ħa *infection*, kellu jdejh u wiċċu minfuħa u żammewh tlett ijiem l-isptar. Dik il-ġimgħa baqgħu jaħdmu normali u tant kien hemm xogħol li anki d-Direttur niżel jgħin lir-rikorrenti fl-inġinerija. Il-Ġimgħa kien mar ħdejh id-Direttur u qallu jitla' fl-uffiċju biex ikellmu. Ir-rikorrenti qallu *"ma tistax tkellimni hawnhekk?"* u d-Direttur qallu li le. Telgħa fl-uffiċju u jsib il-karti preparati, kollox bil-lest, bl-FS3 b'kollox. Ir-rikorrenti xehed li kumpanija bħal F.S Engineering & Plastics Ltd ma tistax topera mingħajr *tool maker* għax il-ħsarat isiru l-ħin kollu. In kontro ezami r-rikorrenti xehed li l-ewwel darba li l-Union kitbet lid-Direttur kien fis-6 ta' Marzu. Bejn is-6 ta' Marzu u Ġunju baqa' jmur għax-xogħol normali. Hu qal li  kien jagħmel xogħol goff ta' welding li ma bqajtx nagħmlu għax kien xogħol li trid tkun welder professjonali biex tagħmlu u hu kien jagħmlu *gratis*. Meta daħal jaħdem mal-kumpannija kienu miftehmin li hu ma jiwweldjax imma li jagħmel xogħol ta' *light welding* u mhux *tuck welding*. Imbagħad meta d-Direttur ma riedx iżidlu u qallu *"mela jien dak ix-xogħol kbir ta' welding mhux ħa nagħmlu iżjed għax aħna hekk miftehmin".* Id-Direttur qallu *"mela issa nkellem l-avukat"* u r-rikorrenti qallu "*jiena nkellem lil tal-Union mhux problema"* u baqgħu bis-sistema li x-xogħol tal-welding jagħmlu d-Direttur u r-rikorrenti jagħmel *spot welding.* Ir-rikorrenti xehed li paga kellu Lm120 u li hu biss kien impjegat bħala *tool maker* fil-kumpannija. Ma kien hemm ħadd iktar li seta' jagħmel dak ix-xogħol. Meta kien ikollhom volum ta' xogħol bħalma kellhom dik il-ġimgħa li tkeċċa kien jinżel jgħinu s-Sur Saliba. Hu rari għamel *overtime* – xi tliet nofs ta' nhari b'kollox. Darba kien hemm bżonn urġenti, kien id-dar u d-Direttur ċempillu u r-rikorrenti qallu *"ġej issa"* għax kien hemm xi kompressur jew *chiller* bil-ħsara. Qatt ma ra lid-Direttur jaħdem fuq it-torn. Ix-xogħol dejjem hu kien jagħmlu. Ix-xhud qal li xogħol biżżejjed dejjem kien hemm u qatt ma kien jieqaf.

Simon Testa xehed li kien jaħdem ma' F.S. Engineering & Plastics Ltd u dam jaħdem miegħu sentejn u xahrejn. Hu kien jagħmel kollox: *flushings*, vitien, tikħil, tibjid. Ix-xhud qal li dejjem riedu jispiċċa barra, u nfatti spiċċa barra. Id-Direttur kien jheddu. Fl-aħħar imbagħad kien hemm magna li ma ssugrax iħaddimha għax beda jibża' minħabba l-*heaters* u riedu bilfors iħaddimha għax il-Manager l-oħra, Jeanette, kienet bis-*shutdown.* Talbu s-*shutdown* fis-sajf u ma tahulux għax qallu li għandu x-xogħol, mentri lil Jeanette tahulha. Ix-xhud qal li biex keċċieh lilu qallu *"jekk ma tħaddimx din il-magna m'għandix xogħol għalik".* Is-Sur Testa qal li suppost *cleaner* biss kien.

John Zammit xehed li kien jaħdem ma' F.S. Engineering & Plastics Ltd għal sena u spiċċa madwar tliet snin ilu. Xogħolu kien ta' *Assistant Technician*: jibda' u jwaħħal il-*moulds* u ġieli kien jagħmel xi *maintenance* ukoll. L-eta' tiegħu dejjem kienet kontrih. Darba fost l-oħrajn ġie t-tifel tad-Direttur u qallu

l-papa’ għandu bżonn ikellmek. Telgħa fuq u d-Direttur qallu li biddel is-sistema tax-xogħol u li se jkollu jwaqqfu, hekk ħesrem. Qallu li l-għażla f’idejh jekk jaħdimx in-*notice* jew jitħallasx tagħha. Is-sistema l-ġdida ma jafx x’kienet. Jaf biss li ftit qabel ma keċċieh mar it-toilet ipejjep sigarett u kien hemm Simon u Simon qallu “*veru spiċċa Chris minn magħna?*” u John qallu *“iva m’hemmx x’tagħmel. Hawnhekk ħadd mhu kkalkulat; we’re just bloody numbers. Ħaqqhom dawn in-nies!”* U ma jafx kif id-Direttur semgħu. Imbgħad id-Direttur mar ħdejh qalb il-magni u qallu *“għaliex ħaqqna aħna?”* u qallu *“għax aħna min hu mportanti għalik. Xħin trid tgħidilna itilqu”.* Għaddew jumejn tellgħu fuq u ġara li ġara. In kontro-eżami x-xhud qal li ma kellux kuntratt, la verbali u lanqas bil-miktub. Ix-xhud qal li d-Direttur kien jgħidlek idħol bil-*minimum wage* u ‘l quddiem nitkellmu u hadd mhu mpjegat *indefinite* hemmhekk, ħadd m’hemm garantit, x’ħin ifettillu, *you’re off.* Ix-xhud xehed li ma kienx jaf għala ġie mitmum l-impjieg tiegħu. Jaf biss li ftit ġranet qabel kienu talbu għad-drittijiet tagħhom rigward safety. Hu xehed li n-notice ma ħadimiex. Is-Sur Zammit qal li ħadem ħafna xogħlijiet differenti imma qatt ma sab bniedem jitratta l-ħaddiem ħażin daqs kemm kien trattat hemm ġew u jixtiew li l-ħaddiema li jaħdmu hemmhekk għandhom il-*gutz* jitkellmu hekk għax hemm ħafna iżjed x’jintqal. Kellu kuntratt ta’ sitt xhur imbagħad ħallieh jaħdem hemm bla qatt kellmu. Is-socjeta` intimata ipprezentat dokumenti tal-ETC li juru li kien impjegat fuq kuntratt definit.

**<u>Sinstezi tat-trattazzjoni:</u>**

Is-socjeta’ intimata fit-trattazzjoni sostniet li dan huwa kaz semplici fejn ir-rikorrenti kien ingaggat bhala tool maker, handy person u maintenance man bil-maggor parti tax-xoghol ikun dak ta’ tool maker. Il-principal huwa tool maker tas-sengha u ghalhekk seta’ jaghmel ix-xoghol kollu hu minghajr l-ebda ghajnuna u fil-fatt hekk ghamel. Dwar l-allegazzjonijiet li saru xi argument bejn ir-rikorrenti u l-principal u l-vittimazzjoni ghax kien membru tal-Union dan xejn mhuwa minnu. Is-socjeta` intimata riteniet li ezarcitat id-dritt taghha li taghmel redundancies u mxiet mar-regoli stipulati mil-ligi.

Ir-rikorrenti qal li l-attitudni tas-Sur Saliba lejn l-impjegati hija wahda ta’ *hire and fire* hekk kif gie ppruvat mix-xhieda. Ir-rikorrenti kien jaghmel kollox fil-kumpannija u kkwota kazistika, Stephen Muscat vs. Armstrong u Mario Psaila vs. Melita plc fejn inghad illi huwa pacifiku li biex id-difiza ta’ redundancy tirnexxi trid tigi ppruvata minn dak li qed jallegaha. Wara li tkecca r-rikorrenti gew impjegati aktar nies fl-ambiti ohra apparti tool making. Il-gurisprudenza tghid ukoll illi jrid jigi ppruvbat li l-kundizzjonijiet li anticipaw ir-redundancy jinkludu nuqqas ta’ xoghol ghal dak il-haddiem partikolari u li ma tkunx awtokoncentrata jew inflitta. Il-kundizzjonijiet ezistenti fuq il-post tax-xoghol ghandhom ikunu li ma jhallux alternattiva ohra ghall-principal ghajr li jittermina x-xoghol.

**<u>Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

It-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Civili fl-ismijiet Remi Armeni vs. Francis Busuttil and Sons (Marketing) Limited fejn il-Qorti ghamlet ezami tad-definizzjoni ta' *redundancy.* Il-Qorti rreferiet ghall-fatt illi l-ligi Maltija ma taghtix definizzjoni ta' *redundanc*y pero` jidher li segwiet it-tifsira Ingliza hekk kif stabbilit f'Alessandra Theuma vs. Alfred Mangion (AIC 23 ta' Mejju 2008). Il-kazistika Ingliza stabbiliet il-linji gwida segwenti:

*(a) Was the employee dismissed?*
*(b) Is so, had the requirements of the business for the employees to carry out the work of a particular kind ceased or diminished (or were expected to do so)?*
*(c) If so, was the dismissal caused wholly or partly by that state of affairs?*

*"Tissokta tirritjeni s-sentenza "Safe Stores plc vs Burrell" (1997) li l-minnha l-precitat kweziti ttiehdu, illi taht punt (b) l-element krucjali hu dak jekk verament kien hemm tnaqqis fil-business requirements di fronte ghall-impjegat. Espicitament, tesprimi "in deciding that, tribunals should not introduce "a contract test" whereby they just considered the specific tasks the applicant was employed for". Illi wkoll f'din l-istess linja ta' hsieb is-sentenza "Shawkat vs Nottingham Hospital NHS Trust" u ghall-certu sens, mhux lanqas 'il-boghod minnhom, id- decizjonijiet ta' din il-Qorti fl-ismijiet "Victoria Spiteri vs St. Catherine's High School" (18 ta' Ottubru 2006) u "John Bartolo vs International Machinery Limited" (9 ta'Mejju 2007".*

Il-Qorti tal-Appell Civili fil- kaz Armeni vs. Francis Busuttil and Sons (Marketing) Limited kompliet billi tghid *"Illi ghalhekk f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-mistoqsija li trid tigi mposta f'kaz ta' redundancy hija jekk ix-xoghol li kien qed jaghmel l-impjegat baqax mehtieg ghall-employer, u jekk kienx hemm bzonn l-operat tal-impjegat sabiex ikompli fl-istess xoghol…"*

Fid-dawl tal-provi mressqa mill-partijiet, it-Tribunal ukoll jistaqsi jekk verament kienx hemm nuqqas ta' xoghol li jirrizulta fi dhul finanzjarju anqas b'rizultat li jpoggi f'riskju l-impjieg tal-haddiema. It-Tribunal ihoss illi l-principal ma ppruvax bic-car illi t-terminazzjoni mill-impjieg kienet genwinament rizultat ta' *redundancy*. Ma gew ipprezentati l-ebda provi li x-xoghol verament naqas jew illi kienu jezistu problemi finanzjarji fil-kumpannija. It-Tribunal jinnota ukoll illi ma saret l-ebda diskussjoni mar-rikorrenti sabiex jaslu fi ftehim fuq xoghol alternattiv illi kieku veru it-tkeccija kienet rizultat ta' *redundancy*. Principal responsabbli u ta' kuxxjenza iqis kollox qabel jaghmel persuna *redundant*, specjalment tenut kont l-eta` tar-rikorrenti u t-tip ta' xoghol li kien jaghmel. It-Tribunal hu tal-fehma li hekk kif graw l-affarijiet jidher li jista' jkun hemm ness bejn l-argument li sehh bejn il-partijiet ftit tal-jiem qabel it-tkeccija. Huwa stramb illi dakinhar illi r-rikorrenti talab il-*leave* sabiex imur jara lil ibnu l-isptar id-Direttur qallu li tant mhux ser ihallih jitlaq bil-*leave* izda talli ser izommu *overtime*, imbaghad ftit tal-jiem wara qallu li tant naqaslu x-xoghol li ser jaghmlu *redundant.* Apparti dan, it-Tribunal jirrimarka illi s-socjeta` intimata ma hijiex wahda zghira u timpjega madwar erbghin ruh. Ghalhekk it-Tribunal jistaqsi kif Direttur jista' jaghmel xoghol li kien isir mir-rikorrenti b'erbghin siegha fil-gimgha bhala delizzju meta dan ghandu l-operat tal-

kumpannija kif ukoll erbghin haddiem x'jiehu hsieb. In vista ta' dan kollu t-Tribunal ihoss li l-linji gwida zviluppati mill-kazistika Ingliza hawn fuq citati ma humiex sodisfatti.

**Decizjoni:**

Wara li sema' x-xhieda kollha prodotti, evalwa d-dokumenti u t-trattazzjonijiet tal-partijiet, it-Tribunal jiddeciedi illi t-tmiem tal-impjieg tar-rikorrenti ma kienx jaqa' taht ir-raguni ta' redundancy u ghaldaqstant jiddeciedi illi t-terminazzjoni mill-impjieg kienet wahda ingusta.

**Kumpens:**

Wara li qies il-fatti kollha tal-kaz, l-eta` tar-rikorrenti u kif ukoll il-potenzjal tieghu ghax-xoghol it-Tribunal jiddeciedi sabiex jordna lis-socjeta` intimata illi taghti kumpens ta' tletin elf ewro (€30,000) lir-rikorrenti illi ghandhom jithallsu fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

**Drittijiet:**

It-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet f'dan il-każ għal €93.17 kull wieħed u dan ai termini tal-provvedimenti ta' Avviż Legali Numru 48 tal-1986.

B'hekk jintemm dan il-każ.

(iffirmat)
Dr Charmaine Cristiano Grech
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju